

Brussell, 27 ta' Mejju 2022
(OR. en)

9563/22

JAI 761	DROIPEN 69
COSI 149	COPEN 210
ENFOPOL 298	FREMP 110
ENFOCUSTOM 89	JAIEX 61
IXIM 145	CFSP/PESC 705
CT 99	COPS 238
CRIMORG 81	HYBRID 49
FRONT 218	DISINFO 47
ASIM 47	TELECOM 248
VISA 87	DIGIT 108
CYBER 191	COMPET 408
DATAPROTECT 175	RECH 307
CATS 30	

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	25 ta' Mejju 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 252 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar ir-Raba' Rapport ta' Progress dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 252 final.

Mehmuż: COM(2022) 252 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.5.2022
COM(2022) 252 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U
LILL-KUNSILL**

**dwar ir-Raba' Rapport ta' Progress dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar
l-Unjoni tas-Sigurtà**

I. INTRODUZZJONI

Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna qiegħda tiddomina l-aġenda attwali tal-UE fir-rigward tas-sigurtà. Il-gwerra mhux biss hija theddida għall-Ukrajna, iżda qiegħda ssir bil-ħsieb li ddgħajjef l-istabbiltà u s-sigurtà globali. Fl-UE, il-gwerra ġġib magħha diversi riskji relatati mas-sigurtà taċ-ċittadini. Hemm inċertezzi ġodda rigward il-provvisti tal-enerġija u materja prima oħra, u jista' jkun li infrastruttura kritika tisfa fil-mira ta' ċiberattakki. Is-sikurezza u s-sigurtà interna tal-UE huma pperikolati minn attakki jew minn aċċidenti potenzjali li jirriżultaw minn aġenti kimiċi, bijoloġiċi jew radjoloġiċi fiż-żona tal-gwerra. Il-vulnerabbiltajiet ta' miljuni ta' persuni li ħarbu mill-gwerra jistgħu jiġu sfruttati malajr mill-kriminalità organizzata permezz tat-traffikar tan-nisa u tat-tfal, li huma partikolarment f'riskju.

Fil-konfront ta' dan it-theddid għdid u potenzjali, l-UE baqgħet determinata u magħquda. Filwaqt li l-impatt tal-gwerra s'issa baqa' prinċipalment limitat għat-territorju tal-Ukrajna, l-UE saħħet *il-viġilanza u l-koordinazzjoni* b'aktar monitoraġġ tax-xenarju tat-theddid, u ħadmet biex issaħħaħ ir-reżiljenza biex tiżgura *l-istat ta' thejjiya* tagħha.

Fid-Dikjarazzjoni ta' Versailles tal-10-11 ta' Marzu 2022¹, il-mexxejja tal-Ewropa enfasizzaw il-ħtieġa li nħejju ruħna għal sfidi li jfeġġu malajr, inkluż billi "niproteġu lilna nfusna kontra gwerer ibridi li dejjem qed jikbru, insaħħu r-reżiljenza ċibernetika tagħna, niproteġu l-infrastruttura tagħna – b'mod partikolari l-infrastruttura kritika tagħna – u niġġieldu kontra d-diżinformazzjoni".

Il-qafas tal-Unjoni tas-Sigurtà huwa essenzjali biex tiġi żgurata s-sigurtà madwar l-UE kollha. L-erba' priyoritajiet strateġiċi stabbiliti fl-Istrateġija dwar l-Unjoni tas-Sigurtà² għadhom direttament rilevanti għal dan il-kompitu fil-kuntest ġeopolitiku attwali: (i) ambjent ta' sigurtà li jibqa' validu fil-futur; (ii) l-indirizzar tat-theddid li qed jevolvi; (iii) il-protezzjoni taċ-ċittadini Ewropej kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata; u (iv) ekosistema ta' sigurtà Ewropea b'saħħitha. Il-gwerra enfasizzat il-ħtieġa li l-UE u l-Istati Membri tagħha jagħmlu użu sħiħ mill-istrumenti leġiżlattivi u ta' politika li diġà huma disponibbli skont l-Istrateġija dwar l-Unjoni tas-Sigurtà, li jirfdu l-appoġġ koordinat tal-UE lill-Istati Membri rigward kwistjonijiet mill-kriminalità organizzata u t-terroriżmu għaċ-ċibersigurtà u t-theddid ibridu.

L-aġenziji Ewropej fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni wkoll żiedu l-isforzi tagħhom b'reazzjoni għall-gwerra fl-Ukrajna, u dawn għandhom rwol ewlieni fil-valutazzjoni tat-theddid u fl-appoġġ ta' reazzjonijiet operazzjonali³. It-tisħiħ kontinwu tal-prattika u l-governanza operazzjonali taż-żona Schengen huwa fattur importanti ieħor.

Dan ir-raba' rapport ta' progress dwar l-Unjoni tas-Sigurtà jiffoka fuq l-iżviluppi tul dawn l-aħħar ftit xhur mindu bdiet il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Huwa jagħti ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet li ttieħdu fl-oqsma kollha tal-Unjoni tas-Sigurtà u jqis il-ħtiġijiet ta' thejjiya li jirriżultaw minn theddid potenzjali għas-sigurtà minħabba l-gwerra fl-Ukrajna. Il-progress fuq fajls oħra tal-Unjoni tas-Sigurtà jista' jinstab fl-anness.

¹ <https://www.consilium.europa.eu/media/54773/20220311-versailles-declaration-en.pdf>

² COM/2020/605.

³ [Joint Statement from EU Justice and Home Affairs Agencies on Ukraine | European Union Agency for Asylum \(europa.eu\)](https://www.consilium.europa.eu/media/54773/20220311-versailles-declaration-en.pdf)

II. ĊIBERSIGURTÀ U INFRASTRUTTURA KRITIKA

Minn mindu faqqgħet il-gwerra, atturi privati u operazzjonijiet kriminali stqarrew b'mod pubbliku li qed iwettqu attivitajiet ċibernetiċi favur naħa waħda jew in-naħa l-oħra. Il-hacktivizmu⁴ jippreżenta theddida minħabba r-riskju ta' effetti kollaterali fl-UE kontra servizzi kritiċi, ir-riskju ta' attakki li jiġu minn networks uffiċjali, jew effetti kollaterali oħra mhux previsti. Sa issa, il-biċċa l-kbira tal-gwerra saret b'mezzi konvenzjonali, b'effetti kollaterali limitati; madankollu, ir-riskju ta' eskalazzjoni f'dan il-qasam huwa wieħed reali.

Għaldaqstant, l-UE saħħet il-koordinazzjoni u t-tnejn tagħha. It-theddid li jirriżulta mill-gwerra jenfasizza l-ħtieġa li tinbena kultura ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni u tal-għarfien espert bejn l-UE u l-Istati Membri u fost il-komunitajiet ta' ċibersigurtà. Dan jinkludi t-tisħiħ ta' għarfien integrat tas-sitwazzjoni, kondiviżjoni mill-istituzzjonijiet, mill-korpi u mill-aġenziji tal-UE u mill-Istati Membri, b'mod partikolari għall-infrastruttura kritika li fuqha jiddependi s-suq intern biex jiffunzjona mingħajr xkiel.

Attribuzzjoni ta' attakki ċibernetiċi kontra l-Ukrajna

L-attakki ċibernetiċi kontra l-Ukrajna stess bdew qabel l-aggressjoni tar-Russja, u fl-ewwel ġranet tal-gwerra⁵, dawn kellhom l-għan li jikkompromettu l-kontijiet tal-utenti tal-persunal militari tal-Ukrajna u jfixklu s-servizzi essenzjali, inkluż il-kontroll tal-fruntieri u t-telekomunikazzjoni.

Fl-14 ta' Jannar 2022, ir-Rappreżentant Għoli għamel Dikjarazzjoni⁶ f'isem l-Unjoni Ewropea fejn ikkundanna l-attakki ċibernetiċi kontra l-Ukrajna u kkonferma mill-ġdid l-appoġġ mingħajr riżerva tal-UE lejn l-Ukrajna.

Fl-10 ta' Mejju, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, flimkien mas-sħab internazzjonali, ikkundannaw bis-shih⁷ l-attività ċibernetika malizzjuża kontra l-Ukrajna fl-24 ta' Frar, li kellha fil-mira tagħha lin-network tas-satelliti KA-SAT, li huwa l-proprjetà ta' Viasat, u attribwew l-attakk għall-Federazzjoni Russa. Dan l-attakk ċibernetiku kellu impatt sinifikanti, li wassal għal qtugħ u tfixkil indiskriminat fil-komunikazzjoni fost bosta awtoritajiet pubbliċi, negozji u utenti fl-Ukrajna, filwaqt li affettwa wkoll lil diversi Stati Membri tal-UE.

Vigilanza u koordinazzjoni

Minn mindu r-Russja bdiet il-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, il-monitoraġġ tas-sitwazzjoni ta' ċibersigurtà fl-Istati Membri u fl-istituzzjonijiet tal-UE ssaħħaħ. L-ENISA, l-Aġenzija tal-UE għaċ-Ċibersigurtà, iċ-Ċentru Ewropew ta' Ċiberkriminalità tal-Europol u s-CERT-UE, l-Iskwadra ta' Rispons f'Emerġenza relatata mal-Kompjuters għall-

⁴ Eżempju reċenti tal-hacktivizmu huwa l-użu tal-"protestware" biex il-malware jolqot IPs Russi permezz ta' pakkett popolari b'sors miftuħ, li jista' jwassal għal riskji fil-katina tal-provvista u t-telf tal-fiduċja fil-komunità tas-sors miftuħ. Il-Kummissjoni għamlitha ċara li ċ-ċiberattakki kontra r-Russja (anki dawk b'intenzjoni tajba) huma illegali.

⁵ Rapport Speċjali ta' Microsoft: [An overview of Russia's cyberattack activity in Ukraine; The hybrid war in Ukraine - Microsoft On the Issues](#)

⁶ <https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2022/01/14/ukraine-declaration-by-the-high-representative-on-behalf-of-the-european-union-on-the-cyberattack-against-ukraine/>

⁷ [Operazzjonijiet ċibernetiċi Russi kontra l-Ukrajna: Dikjarazzjoni mir-Rappreżentant Għoli f'isem l-Unjoni Ewropea - Consilium \(europa.eu\)](#)

Istituzzjonijiet, il-Korpi u l-Aġenziji tal-UE u ċ-Ċentru tal-Intelligence u s-Sitwazzjonijiet tal-UE (EU INTCEN), ilkoll taw kontribut għall-għarfien kondiviż tas-sitwazzjoni tal-UE, inkluż billi għamlu monitoraġġ regolari ta' attivitajiet ċibernetiċi suspettużi, inkluż f'setturi speċifiċi bħall-enerġija, it-trasport u l-avjazzjoni, u wettqu valutazzjonijiet biex jiggwidaw l-azzjoni preventiva.

Kien hemm ukoll koordinazzjoni u skambju intensifikati ta' informazzjoni man-networks ta' ċibersigurtà, bħan-Network ta' Organizzazzjoni ta' Kollegament f'każ ta' Ċiberkriżijiet (CyCLONE), li jinkludi aġenziji nazzjonali ta' ċibersigurtà, il-Kummissjoni u l-ENISA. Sabiex dan l-approċċ jiġi rifless internament fl-istituzzjonijiet tal-UE, mekkaniżmu ta' koordinazzjoni, it-Task Force dwar iċ-Ċiberkriżijiet, jippermetti li l-informazzjoni tiġi kondiviża fost is-servizzi, il-korpi u l-aġenziji rilevanti kollha, inkluż l-ENISA, iċ-Ċentru Ewropew ta' Ċiberkriminalità tal-EUROPOL u s-CERT-UE. Huma meħtieġa sforzi kostanti biex jiġu żgurati mezzi ta' komunikazzjoni bejn il-livelli politiċi, operazzjonali u tekniċi, kif ukoll biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni man-Network tal-Iskwadri ta' Rispons għal Inċidenti relatati mas-Sigurtà tal-Kompjuters (CSIRT).

Barra minn hekk, il-Europol skattat il-Protokoll ta' Rispons f'Emerġenza tal-Infurzar tal-Liġi tal-UE, li jippermetti monitoraġġ u kondivizzjoni msaħħa tat-theddid ċibernetiku ma' firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati, biex tinholq stampa komprensiva tal-intelligence ċibernetika.

Lil hinn mit-theddid ċibernetiku, hemm viġilanza intensifikata mill-Istati Membri u mis-servizzi tas-SEAE u tal-Kummissjoni rigward l-esponiment ta' infrastrutturi kritiċi għal theddid fiżiku u mhux ċibernetiku. L-infrastrutturi kritiċi u l-entitajiet li joperawhom jistgħu jiġu esposti għal riskji fiżiċi, bħas-sabotaġġ mill-Istat jew minn atturi sponsorjati mill-Istat bħala parti minn miżuri potenzjali ta' ritaljazzjoni kontra l-UE.

Tħejjija

It-tħejjija fil-qasam ta' ċibersigurtà u s-sigurtà tal-infrastruttura kritika hija aktar essenzjali minn qatt qabel peress li l-Ewropa saret aktar esposta għal diversi forom ta' theddid minħabba l-gwerra. L-isforzi biex tissaħħaħ it-tħejjija inkludew għadd ta' azzjonijiet diretti, inkluż xi wħud li kienu diġà previsti qabel l-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Dawn jinkludu eżerċizzji, gwida, miżuri leġiżlattivi, żieda fir-reżiljenza fis-setturi kritiċi, u l-ħidma mas-sħab.

Il-Presidenza Franċiża tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, flimkien mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA), fil-bidu tal-2022, organizzaw eżerċizzju bbażat fuq ix-xenarji bl-isem ta' EU CyCLES (Eżerċizzju ta' Kollegament tal-Kriżijiet Ċibernetiċi dwar is-Solidarjetà), bil-għan li titqajjem kuxjenza fil-livell politiku u tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-livelli operazzjonali u politiċi fil-każ ta' attakk ċibernetiku fuq skala kbira.

L-ENISA u s-CERT-UE ppubblikaw **linji gwida** fi Frar dwar kif għandhom jissaħħu r-reżiljenza u t-tħejjija fl-UE⁸. Dawn iħeġġu lill-organizzazzjonijiet kollha tas-settur pubbliku u privat fl-UE sabiex jadottaw sett minimu tal-aħjar Prattiki fir-rigward ta' ċibersigurtà, biex itejbu l-kultura ta' ċibersigurtà b'mod sostanzjali. F'Marzu, is-CERT-UE ppubblikat gwida teknika ta' segwitu, bl-appoġġ tal-ENISA⁹, kif ukoll gwida dwar is-sigurtà għat-tisħiħ tal-

⁸ Boosting your Organisation's Cyber Resilience - Joint Publication, 14.02.2022.

⁹ Security Guidance 2022-01 - Cybersecurity mitigation measures against critical threats.

konfigurazzjoni tal-apps ta' Signal¹⁰ b'għadd ta' rakkomandazzjonijiet prattiċi lill-organizzazzjonijiet biex isaħħu l-pożizzjoni tagħhom fir-rigward taċ-ċibersigurtà.

Inizjattivi leġiżlattivi

Is-sitwazzjoni attwali tenfasizza l-urġenza li **tiġi implimentata l-leġiżlazzjoni eżistenti** u li titħaffef **l-adozzjoni ta' inizjattivi pendenti**.

Il-Kummissjoni qiegħda tappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tad-**Direttiva NIS**¹¹, li tirrikjedi li l-Istati Membri jkunu mgħammra b'mod xieraq, pereżempju bi Skwadra ta' Rispons għal Inċidenti relatati mas-Sigurtà tal-Kompjuters (CSIRT), u billi tiddefinixxi lill-awtoritajiet kompetenti. Din tipprovdi bażi għal kooperazzjoni effettiva bejn l-Istati Membri. Il-ftehim politiku li ntlaħaq mill-koleġiżlaturi dwar id-**Direttiva NIS2**¹² huwa pass trasformattiv ieħor lejn qafas robust tal-UE għat-tħejjija.

NIS2 - tisħiħ ulterjuri tat-tħejjija

- Id-Direttiva l-ġdida dwar in-Networks u s-Sistemi tal-Infommazzjoni se tindirizza n-nuqqasijiet tad-Direttiva NIS preċedenti, biex tadattaha għall-ħtiġijiet attwali u tagħmilha valida għall-futur. Hija tistabbilixxi regoli minimi għal qafas regolatorju u mekkaniżmi għal kooperazzjoni effettiva fost l-awtoritajiet rilevanti f'kull Stat Membru.
- Hija testendi l-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli u żżid setturi ġodda li huma kritiċi għall-ekonomija u s-soċjetà (pereżempju, is-setturi tal-apparat farmaċewtiku u mediku jew il-manifattura tal-ikel). L-entitajiet kbar u ta' daqs medju kollha li joperaw fis-setturi jew li jagħtu servizzi koperti mid-Direttiva se jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha. L-entitajiet tal-amministrazzjoni pubblika tal-gvernijiet ċentrali (minbarra l-ġudikatura, il-parlamenti u l-banek ċentrali) u fil-livell reġjonali huma koperti wkoll. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li dan japplika għal dawn l-entitajiet fil-livell lokali.
- L-NIS 2 se tistabbilixxi l-linja bażi għall-miżuri ta' ġestjoni tar-riskji taċ-ċibersigurtà u tistabbilixxi formalment in-Network Ewropew ta' Organizzazzjoni ta' Kollegament f'każ ta' Ċiberkriżijiet, l-EU-CyCLONE, li se jappoġġa l-ġestjoni koordinata ta' inċidenti taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira.
- Il-proposta tintroduċi wkoll dispożizzjonijiet aktar preċiżi dwar il-proċess għar-rapportar tal-inċidenti, il-kontenut tar-rapporti u l-iskedi ta' żmien, u tipprevedi rimedji u sanzjonijiet biex jiġi żgurat l-infurzar.
- L-Istati Membri se jkollhom 21 xahar mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva biex jinkorporaw id-dispożizzjonijiet fil-liġi nazzjonali tagħhom.

Il-progress dwar l-NIS2 għandu jiġi segwit mill-aktar fis possibbli bit-tlestija tan-negozjati dwar id-**Direttiva proposta dwar ir-reżiljenza ta' entitajiet kritiċi**¹³ ("id-Direttiva CER"), li, ladarba tiġi adottata u implimentata, għandha ssaħħa ir-reżiljenza ta' entitajiet kritiċi għal diversi forom ta' theddid, inkluż attakki terroristiċi, theddid minn ġewwa jew sabotaġġ. Huwa essenzjali wkoll li l-livell ta' ambizzjoni tad-Direttiva dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet

¹⁰ CERT-EU Security Guidance 22-002 - Hardening Signal.

¹¹ Id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-infommazzjoni madwar l-Unjoni.

¹² COM(2020) 823.

¹³ COM(2020) 829.

kritiċi jaqbel ma' dak tal-proposta tal-Kummissjoni, u li tinżamm il-konsistenza mal-kompromess politiku li jinsab fl-NIS 2. Flimkien, dawn il-miżuri se jagħtu spinta lir-reżiljenza u lit-tħejjija billi jistabbilixxu sistema aktar koerenti u robusta, inkluż permezz ta' pjanijiet nazzjonali ta' rispons għall-inċidenti u l-kriżijiet. Dawn kienu wkoll parti mir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-sena l-oħra¹⁴ li ħolqot **iċ-Ċiberunità Konġunta**, li stabbiliet kif għandhom jikkooperaw l-atturi differenti tal-ekosistema taċ-ċibersigurtà (diplomatiċi, tal-pulizija, ċivili u, meta xieraq, tad-difiża) fuq livell operazzjonali. Ix-xenarju ta' theddid attwali jenfasizza l-valur ta' din il-kooperazzjoni effettiva bejn l-atturi ewlenin.

Il-Kummissjoni tkompli timmonitorja l-implimentazzjoni tas-sett ta' għodod dwar iċ-ċibersigurtà tal-5G¹⁵. F'dan il-kuntest, fil-11 ta' Mejju, il-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS adotta rapport dwar is-sigurtà tal-OpenRAN¹⁶. Huwa jkompli jaħdem ukoll flimkien mal-Istati Membri, biex iċ-ċentru Ewropew ta' kompetenza fiċ-ċibersigurtà jsir kompletament operazzjonali.

Fit-22 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni pproponiet **regoli ġodda biex jiġu stabbiliti miżuri komuni rigward iċ-ċibersigurtà u s-sigurtà tal-informazzjoni fl-Istituzzjonijiet, fil-Korpi u fl-Aġenziji kollha tal-UE (EUIBA)**. Dawn ir-regoli se jsaħħu r-reżiljenza u l-kapaċità tal-amministrazzjoni tal-UE biex twieġeb għat-theddid u għall-inċidenti ċibernetiċi. Bit-tqegħid ta' dawn l-attivitajiet f'qafas komuni, se tissaħħaħ il-kooperazzjoni interistituzzjonali u se jiġi minimizzat l-esponiment għar-riskji. Ir-**Regolament propost dwar iċ-Ċibersigurtà għall-EUIBAs**¹⁷ se jtejjeb il-mandat tas-CERT-UE u se jwassal għall-ħolqien ta' Bord interistituzzjonali ġdid dwar iċ-Ċibersigurtà, se jagħti spinta lill-kapaċitajiet taċ-ċibersigurtà, u se jstimula valutazzjonijiet regolari tal-maturità u iġjene ċibernetika aħjar. Ir-**Regolament propost dwar is-Sigurtà tal-Infomazzjoni**¹⁸ se joħloq sett minimu ta' regoli u ta' standards dwar is-sigurtà tal-informazzjoni għat-trattament u l-iskambju sigur ta' informazzjoni għall-EUIBAs kollha biex tiġi żgurata protezzjoni msaħħa u konsistenti kontra t-theddid li qed jevolvi għall-informazzjoni tagħhom. Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jadottaw dawn il-miżuri mingħajr dewmien.

Il-Kummissjoni issa lestiet il-konsultazzjoni pubblika tagħha dwar miżuri biex tagħti spinta lir-**reżiljenza ċibernetika** tal-prodotti diġitali, u qiegħda tħejji proposta li għandha tiġi ppubblikata fil-harifa¹⁹. Din se tindirizza l-vulnerabbiltajiet tal-prodotti diġitali u tas-servizzi anċillari li – filwaqt li jgħolqu opportunitajiet għall-ekonomiji u għas-soċjetajiet tal-UE – iwasslu wkoll għal sfidi ġodda, peress li aktar ma kollox ikun interkonness, aktar ikun faċli li inċident taċ-ċibersigurtà jaffettwa sistema sħiħa, u b'hekk aktar ikun faċli li jxekkel attivitajiet ekonomiċi u soċjali.

Fid-9 ta' Marzu 2022, il-ministri tal-UE responsabbli għat-telekomunikazzjoni adottaw b'mod unanimu s-Sejħa ta' Nevers għat-Tisħiħ tal-Kapaċitajiet fiċ-Ċibersigurtà tal-UE, li tinkludi "l-implimentazzjoni ta' Fond ġdid ta' Rispons għal Emerġenza għaċ-Ċibersigurtà, li għandu jiġi stabbilit mill-Kummissjoni"²⁰. Il-Kummissjoni qiegħda tirrifletti fuq l-aħjar użu tal-fondi eżistenti biex tappoġġa azzjonijiet preventivi u ta' rispons.

¹⁴ [Recommendation on building a Joint Cyber Unit | Shaping Europe's digital future \(europa.eu\)](https://ec.europa.eu/digital-strategy/en/library/cybersecurity-5g-networks-eu-toolbox-risk-mitigating-measures)

¹⁵ <https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/library/cybersecurity-5g-networks-eu-toolbox-risk-mitigating-measures>

¹⁶ NIS Cooperation Group, Report on the cybersecurity of Open RAN, 11 ta' Mejju 2022.

¹⁷ COM(2022) 122.

¹⁸ COM(2022) 119.

¹⁹ [Att dwar ir-reżiljenza ċibernetika – regoli ġodda dwar iċ-ċibersigurtà għal prodotti diġitali u servizzi anċillari \(europa.eu\)](https://ec.europa.eu/digital-strategy/en/library/cybersecurity-5g-networks-eu-toolbox-risk-mitigating-measures)

²⁰ [08/03/2022 - Déclaration conjointe des ministres de l'Union européenne chargés du numérique et des communications électroniques adressée au secteur numérique - Presse - Ministère des Finances \(economie.gouv.fr\)](https://www.economie.gouv.fr/actualites/08-03-2022-declaration-conjointe-des-ministres-de-lunion-europeenne-chargees-du-numerique-et-des-communications-electroniques-adressee-au-secteur-numerique)

Setturi kritiċi

Is-sigurtà tal-provvista tal-**enerġija** tal-UE hija kritika għall-benesseri taċ-ċittadini u għall-funzjonament mingħajr xkiel tal-ekonomiji tagħna, u s-sitwazzjoni attwali enfasizzat il-ħtieġa ta' regoli ċari dwar iċ-ċibersigurtà f'dan is-settur. Il-Kummissjoni qiegħda taħdem fuq Kodiċi tan-Network dwar iċ-ċibersigurtà għall-flussi transfruntieri tal-elettriku, kif meħtieġ mir-Regolament dwar l-Elettriku²¹, biex tipprova regoli dwar il-valutazzjonijiet tar-riskju, rekwiżiti minimi komuni, l-ippjanar, il-monitoraġġ, ir-rapportar u l-ġestjoni tal-kriżijiet. Minn mindu r-Russja bdiet il-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, l-oġettivi maħsuba għall-kodiċi tan-network dwar iċ-ċibersigurtà saru saħansitra aktar rilevanti. Il-Kummissjoni nediet ukoll kooperazzjoni strutturali bejn l-ENISA, l-ENTSO-E²², l-ENTSOE²³ u l-Komunità tal-Enerġija fil-monitoraġġ regolari tas-sitwazzjoni taċ-ċibersigurtà fis-settur tal-enerġija.

L-UE ħadmet biex tipproteġi s-sigurtà tas-sħab mingħajr ma toħloq riskji ġodda għaliha nnifisha. Is-sinkronizzazzjoni ta' emerġenza tal-grilji tal-elettriku tal-Ukrajna u tal-Moldova mal-Grilja tal-Ewropa Kontinentali saret f'Marzu 2022 wara l-adozzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju, b'mod partikolari f'termini taċ-ċibersigurtà.

Il-gwerra u s-sanzjonijiet ħolqu wkoll ħafna sfidi għat-**trasport** tal-UE, minn riskji għas-sikurezza għall-avjazzjoni ċivili tal-UE u għas-sewwieqa tat-trakkijiet maqbuda f'żoni ta' kunflitt, għall-qerda tal-infrastruttura tat-trasport tal-Ukrajna, il-qtugħ tal-ktajjen tal-provvista u t-theddid għas-sigurtà globali tal-ikel. L-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u mal-Eurocontrol, l-Organizzazzjoni Ewropea għas-Sigurtà tan-Navigazzjoni bl-Ajru, ilhom jagħtu parir lill-operaturi sa mill-bidu tal-gwerra biex ma joperawx fl-ispazju tal-ajru tal-Ukrajna u jevitaw milli jużaw l-ispazju tal-ajru sa 100 mil nautiku mill-fruntiera tal-Belarusija u tar-Russja/tal-Ukrajna.

Il-Kummissjoni qiegħda taħdem ukoll biex issaħħaħ it-tnejn u r-reżiljenza tas-settur tat-trasport tal-UE. B'mod partikolari, pjan ta' Kontinġenza ġdid għat-trasport²⁴, adottat fit-23 ta' Mejju, jislet tagħlimiet kemm mill-pandemija tal-COVID-19 kif ukoll mill-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna. Huwa jipproponi sett ta' għodod ta' 10 azzjonijiet biex jiggwida lill-UE u lill-Istati Membri tagħha fl-introduzzjoni ta' miżuri ta' reazzjoni għall-kriżijiet ta' emerġenza, inkluż l-iżgurar ta' konnettività minima, it-tisħiħ tar-reżiljenza għat-theddid ċibernetiku u ibridu, u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni mas-sħab internazzjonali rigward it-tnejn u r-rispons għall-kriżijiet. Huwa jenfasizza wkoll l-importanza ta' ttestjar regolari tar-reżiljenza għal xenarji differenti ta' kriżi, li jlaqqa' flimkien l-aġenziji rilevanti tal-UE jew atturi oħra, u jibni fuq proċessi eżistenti.

Skont il-qafas tal-UE **għas-sigurtà tas-Saħħa**, l-iskambju ta' informazzjoni bbażat fuq is-Sistema ta' Twissija Bikrija u ta' Rispons, inkluż l-appoġġ għall-evakwazzjonijiet mediċi mill-Ukrajna, irid jiġi protett kontra attakki ċibernetiċi, u b'hekk qiegħda tissaħħaħ is-sigurtà tas-sistema.

²¹ Ir-Regolament (KE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar is-suq intern tal-elettriku, ĠU L158, 14.6.2019, p. 54. Bħalissa qiegħda tiġi rieżaminata proposta mill-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija.

²² In-Network Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Elettriku.

²³ In-Network Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Gass.

²⁴ COM(2022) 21.

Kooperazzjoni mas-sħab

L-UE tkompli taħdem mas-sħab internazzjonali tagħha biex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u tevita mgħiba malizzjuża fiċ-ċiberspazju, kif ukoll twieġeb għaliha. Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna għamlet il-kooperazzjoni f'dan il-qasam aktar importanti minn qatt qabel. F'dan ir-rigward, is-SEAE beda jaħdem biex jiskambja l-għarfien tas-sitwazzjoni u jikkoordina r-rispons għal attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi mmirati lejn l-Ukrajna, u biex jappoġġa lill-Ukrajna u lil pajjiżi oħra fir-reġjun, billi jaħdem mas-sħab, inkluż l-Istati Uniti u n-NATO, biex jiżgura l-komplementarjetà u jevita trikkib tax-xogħol.

Il-kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Uniti kompliet tintensifika wkoll fil-kuntest tal-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Istati Uniti (TTC). Id-Dikjarazzjoni Kongunta²⁵ wara l-laqgħa Ministerjali f'Pariġi li saret f'Mejju, enfasizzat ir-rwol ċentrali tat-TTC għas-sħubija trans-Atlantika mġedda, li sservi biex tikkoordina miżuri konġunti mill-UE u mill-Istati Uniti fil-konfront tal-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Iż-żewġ partijiet qablu li l-kooperazzjoni mill-qrib hija aktar importanti minn qatt qabel biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista. Barra minn hekk, ġiet stabbilita taskforce ddedikata għall-finanzjament pubbliku ta' infrastruttura diġitali sigura u reżiljenti f'pajjiżi terzi, biex twitti t-triq għal finanzjament pubbliku konġunt bejn l-Istati Uniti u l-UE ta' proġetti diġitali f'pajjiżi terzi, abbażi ta' sett ta' prinċipji ġenerali komuni.

Il-Kumpass Strateġiku adottat f'Marzu 2022 (ara t-taqsimha VII) se jkompli jsaħħaħ is-Sett ta' Għodod tal-UE taċ-Ċiberdiplomazija u jiżviluppa l-Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża biex tkun imħejjija aħjar għall-attakki ċibernetiċi u biex twieġeb għalihom aħjar, bħala parti minn strateġija usa' biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-UE li taġixxi fil-kriżijiet u tiddefendi l-interessi tagħha.

Appoġġ għaċ-ċibersigurtà tal-Ukrajna u tal-pajjiżi ġirien

L-UE diġà kienet qiegħda tappoġġa r-reżiljenza ċibernetika tal-Ukrajna qabel il-gwerra. F'Ġunju 2021, l-UE u l-Ukrajna diġà kellhom l-ewwel Djalogu Ċibernetiku, u l-UE pprovdiet appoġġ għaċ-ċibersigurtà u għat-trasformazzjoni diġitali reżiljenti permezz tal-programm EU4Digital għall-Ukrajna, b'valur ta' EUR 25 miljun. Programm ieħor ta' ġemellaġġ b'valur ta' EUR 1,5 miljun tfassal bil-ħsieb li jgħin lill-istituzzjonijiet taċ-ċibersigurtà tal-Ukrajna jallinjaw mal-istandards tal-UE.

Wara t-tifqigħa tal-gwerra, l-UE bdiet tippromwovi l-kooperazzjoni bejn l-esperti ċibernetiċi tal-UE u tal-Ukrajna, u tikkoordina l-għoti ta' assistenza teknika, tagħmir, software u servizzi rilevanti, biex issaħħaħ ir-reżiljenza u d-difiża ċibernetika tal-Ukrajna.

Barra minn hekk, l-UE qiegħda taħdem biex tivvaluta appoġġ potenzjali fuq terminu medju lill-Moldova, lill-Georgia u lill-Balkani tal-Punent. Fit-3 u fl-4 ta' Marzu 2022 twettqet missjoni ta' valutazzjoni konġunta għall-Moldova rigward il-ħtiġijiet taċ-ċibersigurtà, u din wasslet għall-adozzjoni ta' miżura ddedikata ta' rispons għall-kriżijiet biex issaħħaħ iċ-ċibersigurtà fil-pajjiż mingħajr dewmien. Qiegħed jitħejja appoġġ simili għal rispons rapidu għal għadd limitat ta' pajjiżi fil-Balkani tal-Punent li jitqiesu li huma partikolarment esposti għar-riskji minħabba l-allinjament tagħhom mas-sanzjonijiet tal-UE. Qiegħda tiġi vvalutata wkoll assistenza addizzjonali potenzjali lill-Moldova permezz tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi.

²⁵ https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/STATEMENT_22_3108

III. KRIMINALITÀ ORGANIZZATA U TERRORIŻMU

Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna ġiegħlet lil miljuni ta' persuni jaħarbu minn djarhom, u din żiedet bil-kbir l-attività fil-fruntieri esterni tal-UE. Sat-18 ta' Mejju, kważi 6 miljun persuna kienu waslu fl-UE mill-Ukrajna u mill-Moldova, u sa issa, 2,8 miljun peruna rreġistraw għal protezzjoni temporanja fl-UE. L-UE fittxet li tipprovdi l-aktar akkoljenza veloċi u flessibbli għal dawk li qed jaħarbu mill-gwerra, mingħajr ma tikkomprometti s-sigurtà fil-fruntiera esterna tal-UE. L-UE ħadet miżuri mingħajr preċedent biex toffri protezzjoni temporanja lil dawk li qed jaħarbu mill-gwerra, u hija impenjata li tittratta l-wasliet ġodda kollha mingħajr diskriminazzjoni. Fl-istess ħin, ma jistgħux jiġu injorati r-riskji potenzjali li jistgħu jirriżultaw meta tant nies jittraslokaw, u l-UE, b'appoġġ qawwi mill-aġenziji rilevanti tagħha, tibqa' viġilanti fir-rigward ta' żviluppi ġodda fil-kriminalità organizzata u t-terroriżmu.

Schengen b'saħtu f'mument ta' theddid li qed jikber

L-iżgurar ta' livell għoli ta' sigurtà fiż-żona **Schengen** u fl-UE qatt ma kien importanti daqskemm hu fl-atmosfera ta' theddid li qed jiżdied u li jirriżulta mill-gwerra fitit lil hinn mill-fruntiera esterna tal-UE.

Sabiex twettaq l-aġenda ambizzjuża għaż-żona Schengen stabbilita fl-istrateġija ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni f'Mejju adottat l-ewwel rapport dwar l-Istat ta' Schengen²⁶. Iċ-ċiklu annwali ta' Schengen jipprovdi mudell ta' governanza ġdid għaż-żona Schengen u kontroll tas-saħħa regolari dwar l-istat ta' Schengen. Dan se jgħin biex jiżgura l-identifikazzjoni fil-pront tan-nuqqasijiet u tal-proċeduri ta' segwitu effiċjenti, sabiex iż-żona Schengen issir aktar b'saħħitha u aktar reżiljenti.

Dan l-ewwel rapport jirrikonoxxi l-ħtieġa li jissaħħu l-isforzi biex jiġu implimentati inizjattivi ewlenin fil-livell tal-UE inkluż, kontrolli sistematiċi fil-fruntieri esterni tal-vjaġġaturi kollha, bl-użu sħiħ tal-mandati tal-Frontex u tal-Europol, kif ukoll għodod proposti u disponibbli tal-kooperazzjoni transfruntiera tal-pulizija.

B'mod partikolari, l-arkitettura l-ġdida għas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE għall-fruntieri, il-migrazzjoni u s-sigurtà, u l-interoperabbiltà tagħhom, hija l-pedament tal-isforzi biex jissaħħu s-sigurtà interna u l-ġestjoni tal-fruntieri. L-implimentazzjoni effettiva tal-elementi kollha tal-qafas tal-interoperabbiltà, f'konformità mal-iskedi ta' żmien miftiehma, se tkun kruċjali.

Viġilanza u koordinazzjoni

Kooperazzjoni aktar b'saħħitha fl-infurzar tal-liġi fl-Istati Membri u ma' pajjiżi terzi hija kruċjali biex jiġu żgurati sensibilizzazzjoni dwar it-theddid kriminali u terroristiku emerġenti, u azzjoni fir-rigward ta' networks u individwi kriminali li jistgħu jippruvaw jieħdu vantaġġ mill-gwerra kontra l-Ukrajna. L-Istati Membri u s-sħab operazzjonali qegħdin jikkondividu b'mod attiv l-informazzjoni disponibbli u l-intelligence kriminali rilevanti mal-Europol, li twettaq kontroverifiki u analiżijiet tal-informazzjoni u tittrasformaha f'notifiki ta' intelligence

²⁶ COM(2022) 301.

operazzjonali u azzjonabbli, bħan-notifiki ta' twissija bikrija u valutazzjonijiet tat-theddid, li huma kondiviżi mas-sħab.

Il-kriminalità organizzata

Il-kriminalità organizzata diġà qiegħda ssib modi kif tisfrutta s-sitwazzjoni attwali. L-analiżi tal-intelligence inizjali identifikat xejriet ta' kriminalità f'għadd ta' oqsma, inkluż it-traffikar tal-bnedmin, dikjarazzjonijiet foloz ta' prodotti importati u esportati, frodi online, iċ-ċiberkriminalità u t-traffikar tal-armi tan-nar. Hemm ukoll evidenza ta' ċiberkriminali li jagħmluha taparasi jkunu qed jiġbru l-fondi għall-Ukrajna biex jisirqu l-flus u l-kriptoaluta.²⁷ L-organizzazzjonijiet kriminali mill-Ukrajna jistgħu jippruvaw jirrilokaw minħabba s-sitwazzjoni attwali u jwettqu l-attivitajiet tagħhom fl-UE.

Il-Kummissjoni u l-Presidenza Franċiża tal-Kunsill ħadmu flimkien, kif ukoll mal-Aġenziji tal-ĠAI tal-UE, b'mod partikolari mal-Europol, biex jimmobilizzaw il-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (**EMPACT**), biex jivvalutaw, jantiċipaw u jevitaw it-theddid ta' kriminalità serja u organizzata, eżistenti jew emerġenti, kif ukoll biex jiġġieldu kontra dan it-theddid. Fis-7 ta' April 2022, il-Europol ospitat laqgħa tal-EMPACT li laqqgħet flimkien rappreżentanti u esperti mill-Istati Membri tal-UE u mill-komunità tas-sigurtà tal-UE, biex jiffukaw fuq it-theddid ta' kriminalità serja u organizzata li feġġ minħabba l-gwerra fl-Ukrajna. Il-passi konkreti li ġew diskussi jinkludu l-ġbir ta' aktar intelligence, l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet operazzjonali ta' emerġenza, u li terġa' ssir enfasi fuq dawk l-azzjonijiet eżistenti, kif ukoll jiem ta' azzjoni konġunta *ad hoc*.

Is-**CELBET** (it-Tim ta' Esperti Doganali dwar il-Fruntiera tal-Art fil-Lvant u fix-Xlokk) – proġett ta' kollaborazzjoni ffinanzjat mill-Kummissjoni Ewropea, qed isegwi żviluppi fil-fruntiera bħala parti mill-missjoni tiegħu li jagħti appoġġ operazzjonali u gwida lill-uffiċjali doganali, u qiegħed jimmonitorja s-sekwistri doganali fil-punti ta' qsim fil-fruntiera tal-UE (il-Polonja, is-Slovakkja, l-Ungerija u r-Rumanija) mal-Ukrajna.

Attività kriminali u terroristika

Għalkemm għadha ma feġġet l-ebda theddida terroristika immedjata fl-UE fir-rigward tal-invażjoni Russa tal-Ukrajna, il-ħtieġa għall-viġilanza hija waħda ċara.

Ir-riskji akbar ta' attività kriminali u terroristika jenfasizzaw l-importanza li l-Istati Membri jagħmlu użu mill-bażijiet ta' *data* rilevanti tal-UE, bħas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, biex idaħħlu d-*data* fihom meta meħtieġ, u biex jikkonsultawhom matul il-kontrolli fuq persuni li jidħlu fl-UE. Dan se jgħin biex jiġi żgurat li l-individwi li jippreżentaw theddida għas-sigurtà interna tal-UE jiġu identifikati fil-fruntieri esterni. L-eu-LISA, l-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, tkompli tiżgura d-disponibbiltà u l-effiċjenza sħiħa tas-sistemi ta' ġestjoni tal-fruntieri tal-UE. Il-linji gwida²⁸ lill-Istati Membri ċċaraw kif

²⁷ Il-Grupp tal-Analiżi tat-Theddid ta' Google osserva għadd jikber ta' atturi ta' theddid li qed jużaw il-gwerra fl-Ukrajna biex jattiraw nies lejn il-kampanji ta' phishing u ta' malware tagħhom. Ir-riċerkaturi ta' Cyren, kumpanija tas-sigurtà tal-internet, irrapportaw żieda fi scams konnessi mal-kriptoaluti li qed japprofittaw mill-kunflitt bl-użu ta' siti web foloz għad-donazzjonijiet.

²⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li tipprovdi linji gwida operazzjonali għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni biex jiġi ffaċilitat il-qsim tal-fruntieri fil-fruntieri bejn l-UE u l-Ukrajna 2022/C 104 I/01.

għandu jsir bilanċ bejn il-ħtieġa li jiġi żgurat trattament bla xkiel tal-wasliet fil-fruntiera esterna, u li xorta jitwettqu l-kontrolli tas-sigurtà meħtieġa.

Tħejjija

Minbarra l-gwida u l-koordinazzjoni, it-tħejjija tal-UE ssaħħet bl-iskjerament tal-persunal tal-aġenziji tal-UE.

Il-**Europol** baġtet timijiet operazzjonali lill-Istati Membri tal-UE fil-viċinat tal-Ukrajna. Dawk it-timijiet kienu jikkonsistu minn uffiċjali mistiedna tal-Europol mill-Istati Membri, u esperti tal-Europol fl-Ungerija, fil-Litwanja, fil-Polonja, fir-Rumanija, u fis-Slovakkja kif ukoll fil-Moldova²⁹. L-uffiċjali mistiedna tal-Europol jappoġġaw lill-awtoritajiet nazzjonali permezz ta' Kontrolli tas-Sigurtà tat-Tieni Linja fil-fruntieri esterni tal-UE. L-esperti tal-Europol jagħtu appoġġ billi jiġbru u jivvalutaw informazzjoni biex jidentifikaw theddid terroristiku u kriminali, jappoġġaw l-investigazzjonijiet, u jidentifikaw individwi li jippreżentaw riskju billi jippruvaw jidħlu fl-UE. Dawn it-timijiet operazzjonali jiġbru informazzjoni li tikkontribwixxi għall-valutazzjonijiet tat-theddid kriminali, għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri. Dawn l-attivitajiet ta' ġbir ta' intelligence jippermettu lill-Europol tantiċipa l-iżviluppi u tikkoordina l-attivitajiet operazzjonali mal-Istati Membri tal-UE, biex twieġeb għall-attivitajiet ta' gruppi kriminali li jkollhom l-intenzjoni li japprofittaw mill-gwerra fl-Ukrajna, u li jissaħħaħ l-involvement attiv tal-Europol mal-infurzar tal-liġi tal-Ukrajna permezz tal-uffiċjal ta' kollegament tal-Ukrajna preżenti fil-kwartieri ġenerali tal-Europol fin-Netherlands.

L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) ukoll hija preżenti fl-Istati Membri u fil-pajjiżi ġirien tal-UE, biex tappoġġa l-operazzjonijiet tal-kontroll tal-fruntieri: hemm aktar minn 2 100 gwardja tal-fruntieri li attwalment jinsabu skjerati fl-UE, fil-Balkani tal-Punent u fil-Moldova. **L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA)** baġtet kważi 750 membru tal-persunal tagħha fl-Istati Membri fin-Nofsinar tal-UE u fil-Litwanja biex tappoġġa l-attivitajiet operazzjonali, issaħħaħ il-kapaċitajiet ta' akkoljenza u tgħin fil-proċeduri tal-ażil.

Filwaqt li jibnu fuq **id-Deċiżjoni attwali ta' Prüm**³⁰, li tipprovdi qafas għall-Istati Membri biex jiskjeraw uffiċjali tal-infurzar tal-liġi għal operazzjonijiet konġunti bħal viġilanzi konġunti, il-Kummissjoni u l-Presidenza Franċiża tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea baġtu ittra konġunta lill-Istati Membri kollha biex jidentifikaw il-ħtiġijiet, u talbu l-iskjerament ta' uffiċjali tal-pulizija, sabiex jitnedew viġilanzi konġunti fl-Istati Membri tal-UE li jinsabu fl-ewwel linja u li ġew affettwati l-aktar mill-qsim tal-massa fil-fruntiera minħabba l-gwerra. Il-Kummissjoni se tiffinanzja dawn l-iskjeramenti taħt il-Fond għas-Sigurtà Interna (il-Pulizija).

Nindirizzaw it-traffikar tal-bnedmin

²⁹ Mit-3 ta' Mejju '1 hawn, il-Europol baġtet membru wieħed (1) tal-persunal tal-Europol, u 3 Uffiċjali Mistiedna fis-Slovakkja, uffiċjal wieħed (1) tal-Europol fil-Polonja, uffiċjal wieħed (1) tal-Europol u 4 Uffiċjali Mistiedna fir-Rumanija, u 2 Uffiċjali Mistiedna fl-Ungerija. Membru wieħed (1) tal-persunal tal-Europol u 2 Uffiċjali Mistiedna ntbagħtu l-Moldova.

³⁰ 2008/615/ĠAI, 2008/616/ĠAI.

L-UE ilha għassa mill-ewwel jiem tal-gwerra għar-riskji ta' qasam partikolari ta' attività kriminali li jista' jibbenefika mill-ispustament fuq skala enormi ta' persuni li jkunu qed ifittxu s-sikurezza fl-UE. Kien essenzjali li t-traffikanti tal-bnedmin ma jitħallewx jimmiraw persuni vulnerabbli għaddejnin minn post għal ieħor, li fil-biċċa l-kbira huma **nisa u tfal**, billi pereżempju jagħmlulhom offeriti foloz ta' trasport jew akkomodazzjoni.

F'Marzu, il-Europol u l-Eurojust ħarġu Notifiki ta' Twissija Bikrija lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti dwar it-traffikar potenzjali tal-bnedmin u l-isfruttament tal-vittmi ġejjin mill-Ukrajna. L-Eurojust tgħin biex issaħħaħ l-iskambju tal-informazzjoni u tħaffef il-kooperazzjoni ġudizzjarja, inkluż mal-Ukrajna, u l-investigazzjonijiet rigward it-traffikar tal-bnedmin ġew riferuti lill-aġenzija għall-koordinazzjoni.

Il-Koordinatur tal-UE kontra t-Traffikar kellu laqgħat man-Network tal-UE ta' Relaturi Nazzjonali u Mekkaniżmi Ekwivalenti, l-Aġenziji tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni u l-Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili tal-UE kontra t-Traffikar tal-Bnedmin, biex tiġi skambjata informazzjoni dwar l-azzjonijiet meħtieġa għall-prevenzjoni tal-abbużi, il-ġlieda kontra dawn l-abbużi, u l-protezzjoni tal-vittmi. F'diversi Stati Membri nbdew investigazzjonijiet dwar każijiet potenzjali.

L-UE ħadet azzjoni rapida u enerġetika biex tiżgura rispons koordinat għal din it-theddida reali għal persuni li jeħtieġu l-għajnunha tal-UE. Linji gwida operazzjonali³¹, inkluż fir-rigward tal-isfida tat-traffikar tal-bnedmin, ġew offruti mingħajr dewmien lill-Istati Membri li qed jimplementaw id-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja biex jappoġġaw lil dawk li qed jaħarbu mill-gwerra fl-Ukrajna. Bħala parti mill-Pjan ta' 10 Punti għal koordinazzjoni Ewropea aktar b'saħħitha għall-akkoljenza ta' persuni li qed jaħarbu mill-gwerra mill-Ukrajna³², ippreżentat fil-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni fit-28 ta' Marzu 2022, ġie żviluppat Pjan Komuni kontra t-Traffikar³³ dwar il-prevenzjoni tat-traffikar tal-bnedmin u l-għajnunha lill-vittmi, mill-Koordinatur tal-UE kontra t-Traffikar, b'kooperazzjoni mal-Aġenziji tal-UE u mal-Istati Membri. Ir-reġistrazzjoni ta' entitajiet u individwi (inkluż volontiera) li għandhom l-intenzjoni li jipprovdu akkomodazzjoni, trasport u tipi oħra ta' assistenza, kif ukoll it-twettiq ta' verifiki tal-preċedenti personali, huwa fokus partikolari. Il-Kummissjoni kkollaborat ukoll mal-EUAA biex tappoġġa l-identifikazzjoni tal-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin meta l-valutazzjonijiet tas-saħħa jiġu pprovduti fiċ-ċentri ta' akkoljenza. Tfal mhux akkumpanjati jew separati jinsabu f'riskju partikolari ta' abbuż, sfruttament sesswali jew kriminalità fużata. Barra minn hekk, il-Linji Gwida operazzjonali msemmija hawn fuq jipprovdu gwida biex jgħinu lill-Istati Membri jittrattaw il-wasla, l-akkoljenza u l-appoġġ għat-tfal, u b'mod partikolari għall-minorenni mhux akkumpanjati. Sabiex tqajjem kuxjenza fost dawk f'riskju, il-Kummissjoni nediet ukoll sit web iddedikat b'taqsimha li tinkludi pariri prattiċi dwar kif wieħed għandu jevita t-traffikanti.

Filwaqt li ttieħdu xi azzjonijiet biex tiżdied it-tħejjija, speċifikament b'reazzjoni għall-kundizzjonijiet il-ġodda li jirriżultaw mill-gwerra, miżuri ewlenin oħra joriġina minn **inizjattivi leġiżlattivi** li diġà kienu qed jitħejjew qabel il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.

³¹ C/2022/1806 , EUR-LEX - 52022XC0290(03) - MT - EUR-LEX (europa.eu).

³² https://ec.europa.eu/home-affairs/10-point-plan-stronger-european-coordination-welcoming-people-fleeing-war-ukraine_en

³³ https://ec.europa.eu/home-affairs/news/new-anti-trafficking-plan-protect-people-fleeing-war-ukraine-2022-05-11_en

Il-Kummissjoni tilqa' l-ftehim fi Frar 2022 dwar il-mandat rivedut tal-**Europol**³⁴, li, ladarba jiġi implimentat, se jippermetti lill-Europol tappoġġa lill-Istati Membri b'mod aħjar fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu. Imbagħad, l-aġenzija se jkollha l-għodod u s-salvagwardji xierqa biex tappoġġa lill-forzi tal-pulizija fl-analiżi tal-big *data* biex tiġi investigata l-kriminalità u jiġu żviluppjati metodi pijunieri biex tiġi indirizzata ċ-ċiberkriminalità. Dawn il-bidliet se jsiru b'qafas imsaħħaħ għall-protezzjoni tad-*data*, kif ukoll b'sorveljanza u responsabbiltà parlamentari aktar b'saħħithom.

Il-pakkett dwar il-**kooperazzjoni tal-pulizija**, ippreżentat mill-Kummissjoni fit-8 ta' Diċembru 2021³⁵ u li bħalissa qiegħed jiġi nneozzjat, se jsaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi fl-Istati Membri billi jagħmel l-iskambju tad-*data* aktar rapidu, aktar faċli, u aktar sigur, kif ukoll billi jsaħħaħ il-kooperazzjoni operazzjonali tal-pulizija u jagħmilha aktar effiċjenti fil-prattika. Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jadottaw dan il-pakkett mingħajr dewmien.

Ladarba jiġu adottati u implimentati, dawn il-proposti leġiżlattivi se jappoġġaw l-infurzar tal-liġi fil-ġlieda kontra l-kriminalità transfruntiera organizzata. Dan se jkollu importanza partikolari f'kuntast fejn l-organizzazzjonijiet kriminali mill-Ukrajna jistgħu jippruvaw jirrilokaw minħabba s-sitwazzjoni attwali u jibdeu iwettqu l-attivitajiet tagħhom fl-UE.

Il-Missjoni ta' Konsulenza tal-UE fl-Ukrajna ilha tappoġġa r-riforma tal-infurzar tal-liġi u tal-istituzzjonijiet tal-istat tad-dritt fil-pajjiż mill-2014. F'Marzu 2022, il-mandat tal-Missjoni ġie rivedut biex jippermetti appoġġ fil-punti ta' qsim tal-fruntiera tal-Ukrajna mal-Polonja, mar-Rumanija u mas-Slovakkja, li jikkontribwixxi għall-għarfien tas-sitwazzjoni dwar attivitajiet kriminali transfruntieri, inkluż it-traffikar tal-bnedmin u l-fluss ta' merkanzija umanitarja fl-Ukrajna.

IV. ARMI, MATERJALI PERIKOLUŻI U INĊIDENTI KRITIĊI

Il-gwerra żiedet b'mod massiv iċ-ċirkolazzjoni tal-armi tan-nar u ta' armi oħra fl-Ukrajna nnifisha, u dan joħloq riskji ġodda għall-UE u għal stati oħra ġirien tal-Ukrajna.

Vigilanza u koordinazzjoni

Il-gwida operazzjonali maħruġa f'Marzu pprovdiet pariri lill-Istati Membri dwar kif għandha tiġi indirizzata l-isfida taż-żieda fiċ-ċirkolazzjoni tal-armi tan-nar fi żmien fejn in-nies qed jaslu bil-massa fil-fruntiera esterna tal-UE³⁶. Dawn il-linji gwida jenfasizzaw li l-preżenza tal-armi tan-nar għandha tiġi vverifikata kontinwament u li ħadd mingħajr awtorizzazzjoni ma għandu jitħalla jidħol fl-UE b'arma tan-nar. Meta kwalunkwe waħda minn dawn l-armi tan-nar tiġi rrapportata bħala nieqsa mill-awtoritajiet tal-Ukrajna, l-Istati Membri għandhom jirrapportawha fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen.

Huwa kruċjali li l-vjeġġi kollha tal-armi tan-nar lejn l-Ukrajna jiġu rreġistrati b'mod xieraq, bl-informazzjoni rilevanti kollha (inkluż it-tip, il-pajjiż u s-sena tal-manifattura, id-ditta, il-

³⁴ COM/2020/796.

³⁵ COM/2021/780, COM/2021/782, COM/2021/784.

³⁶ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li tipprovdli linji gwida operazzjonali għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni biex jiġi ffaċilitat il-qsim tal-fruntieri fil-fruntieri bejn l-UE u l-Ukrajna 2022/C 104 I/01.

marka, il-kalibru, in-numru tas-serje) sabiex tiġi ffaċilitata t-traċċabbiltà ta' dawk l-armi tan-nar, kemm fl-Ukrajna kif ukoll fl-UE.

L-UE kkundannat pubblikament l-attakki militari bla skrupli tar-Russja fil-viċinanza diretta ta' faċilitajiet ċivili, nukleari, bijoloġiċi u kimiċi fl-Ukrajna, u kwalunkwe att li jikkomprometti s-sikurezza ta' dawn il-faċilitajiet. Il-Kummissjoni qiegħda timmonitorja s-sitwazzjoni fl-Ukrajna, filwaqt li qiegħda tagħti attenzjoni partikolari lit-theddida radjoloġika, li hija tal-akbar tħassib mil-lat tas-sigurtà interna tal-UE³⁷. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qiegħda timmonitorja t-theddid kimiku potenzjali, u stabbiliet mekkaniżmu ta' koordinazzjoni interna fil-każ li tkun meħtieġa valutazzjoni rapida tar-riskju.

Tħejjija

L-Ukrajna diġà hija wieħed mill-pajjiżi identifikati bħala kruċjali għal azzjonijiet speċifiċi fil-livell estern fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar it-Traffikar tal-Armi tan-Nar 2020-2025. Hemm ukoll azzjoni operazzjonali speċifika fir-reġjun li jinkludi l-Ukrajna, fil-qafas rigward l-armi tan-nar skont l-EMPACT. Madankollu, minħabba r-riskji ta' ridirezzjonar tal-armi tan-nar, se jkunu meħtieġa proġetti speċifiċi ffinanzjati mill-UE, kif ukoll kooperazzjoni operazzjonali mal-Europol, il-Frontex u l-qasam rigward l-armi tan-nar tal-EMPACT. Il-Kummissjoni dalwaqt se tressaq proposta biex ir-Regolament dwar l-Armi tan-Nar³⁸ rigward l-esportazzjonijiet, l-importazzjonijiet u t-tranżitu ta' armi tan-nar ċivili jiġi rivedut bħala parti mill-qafas legali u operazzjonali globali għall-prevenzjoni, għall-identifikazzjoni, għall-investigazzjoni u għall-prosekuzzjoni tat-traffikar tal-armi tan-nar.

Biex ittejjeb it-tħejjija u r-rispons tal-UE għar-riskji tas-saħħa pubblika bħat-theddid CBRN, il-Kummissjoni qiegħda tibni riżervi strateġiċi ta' kapaċitajiet ta' rispons permezz tal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM), iffinanzjat mill-Awtorità għat-Tħejjija u għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħa (HERA)³⁹. Is-servizzi tal-Kummissjoni qegħdin jaħdmu flimkien fuq l-iżvilupp ta' riżerva strateġika tar-rescEU b'valur ta' EUR 540,5 miljun. Din ir-riżerva se tikkonsisti f'tagħmir u f'mediċini, vaċċini u prodotti terapewtiċi oħra biex jiġu trattati pazjenti esposti għal aġenti CBRN fl-emerġenzi, kif ukoll riżerva ta' dekontaminazzjoni tar-rescEU biex jiġu pprovduti tagħmir ta' dekontaminazzjoni u timijiet ta' rispons magħmula minn esperti. Bħala l-ewwel pass immedjat, l-UE mmobilizzat ir-riżerva medika tagħha tar-rescEU biex takkwista pilloli tal-jodur tal-potassju li jistgħu jintużaw biex jipproteġu lin-nies mill-effetti dannużi tar-radjazzjoni, kif ukoll oġġetti oħra meħtieġa b'mod urġenti fl-Ukrajna. Diġà ntbagħtu kważi 3 miljun pillola tal-jodur tal-potassju lill-Ukrajna permezz tal-UCPM, bl-għajnuna ta' Franza u ta' Spanja.

³⁷ B'kooperazzjoni mas-sħab tal-Istati Uniti, il-Kummissjoni se torganizza workshop li jiffoka fuq ir-riskji relatati mal-materjali radjoloġiċi li jinsabu fl-isptarijiet li joħroġu mill-kontroll regolatorju.

³⁸ Ir-Regolament (UE) Nru 258/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li jimplementa l-Artikolu 10 tal-Protokoll tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-iffabrikar illeċitu ta' u l-ittraffikar fl-armi tan-nar, il-partijiet, komponenti u ammunizzjoni tagħhom, li tissupplimenta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-kriminalità organizzata transnazzjonali (il-Protokoll tan-NU dwar l-Armi tan-Nar) u li jistabbilixxi awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni, u miżuri rigward l-importazzjoni u t-transitu għall-armi tan-nar, il-partijiet u l-komponenti tagħhom u l-ammunizzjoni.

³⁹ [HERA Work Plan 2022 \(europa.eu\)](https://europa.eu/HERA-Work-Plan-2022)

V. AZZJONI KOORDINATA BIEX TITTIEĦED RESPONSABBILTÀ GĦALL-AGGRESSJONI RUSSA

L-UE qiegħda taqdi rwol deċiżiv fl-azzjonijiet tal-komunità internazzjonali, biex tagħmel pressjoni fuq ir-Russja biex twaqqaf l-aggressjoni tagħha kontra l-Istat u ċ-ċittadini tal-Ukrajna li nqabdu fil-kunflitt, liema aggressjoni hija inaċċettabbli u tmur kontra d-dritt internazzjonali. Din il-pressjoni tinkludi miżuri biex jiġu indikati l-konsegwenzi għall-awturi, inkluż sanzjonijiet severi, u azzjonijiet biex tiġi identifikata u ffaċilitata l-prosekuzzjoni ta' reati tal-gwerra.

Miżuri restrittivi u konfiska

Minn mindu r-Russja rrikonoxxiet iż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern ta' Donetsk u ta' Luhansk fl-Ukrajna fl-21 ta' Frar 2022, u l-invażjoni tal-Ukrajna fl-24 ta' Frar 2022, l-UE imponiet l-aktar serje estensiva ta' miżuri restrittivi li qatt saret kontra r-Russja. Sa issa ġew adottati ħames pakketti ta' sanzjonijiet. Dawn il-miżuri jiffukaw fuq setturi ewlenin, inkluż il-finanzi, il-kummerċ, it-trasport, id-difiża u l-media, u jimmiraw l-eliti politiċi u militari kif ukoll l-oligarki prominenti Russi u Belarussi. Dawn l-elenki diġà jinkludi aktar minn 1 000 individwu u 80 entità. Is-sitt pakkett ta' sanzjonijiet qiegħed jiġi diskuss fil-Kunsill.

L-impatt ta' dawn il-miżuri restrittivi u dawk preċedenti kontra individwi u kumpaniji Russi u Belarussi se jkun b'saħħtu daqs l-infurzar tagħhom. Il-koordinazzjoni tal-UE tista' tagħti kontribut sinifikanti biex jingħalqu l-lakuni potenzjali, u l-Kummissjoni tat appoġġ estensiv lill-partijiet ikkonċernati, permezz ta' gwida bil-miktub, laqgħat tal-partijiet ikkonċernati u grupp ta' esperti dedikat, u firxa ta' riżorsi biex tiġi ffaċilitata l-konformità.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni stabbiliet Task Force "Iffriżar u Sekwestru" li tlaqqa' flimkien is-servizzi tal-Kummissjoni, l-Istati Membri, il-Eurojust u l-Europol. Sa issa, l-Istati Membri rrapportaw li ffriżaw assi b'valur ta' EUR 9,89 biljun⁴⁰. Fil-11 ta' April, il-Europol, flimkien mal-Istati Membri, il-Eurojust u l-Frontex, nediet l-Operazzjoni Oscar biex tappoġġa investigazzjonijiet finanzjarji u kriminali mmirati lejn assi kriminali li huma l-proprjetà ta' individwi u entitajiet legali koperti minn sanzjonijiet tal-UE relatati mal-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna. It-Task Force "Iffriżar u Sekwestru" tal-UE taħdem mill-qrib flimkien mat-Task Force "Eliti, Proxies u Oligarki Russi" (REPO), stabbilita mill-pajjiżi tal-G7 (il-Kanada, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, il-Ġappun, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti) u sħab li jħaddnu l-istess fehmiet, bħall-Awstralja kif ukoll it-Task Force KleptoCapture tal-Istati Uniti u t-Task Force tal-Ukrajna.

It-Task Force "Iffriżar u Sekwestru" sservi bħala pjattaforma biex tikkoordina u tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni u esperjenza fost l-Istati Membri, u biex ttipprovi gwida dwar l-implimentazzjoni tas-sanzjonijiet, u biex tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattika rigward l-investigazzjonijiet kriminali u l-konfiska. B'mod partikolari, huwa importanti li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jkunu proattivi u lesti jieħdu azzjoni fir-rigward ta' reati potenzjali mill-individwi u mill-entitajiet issanzjonati. Barra minn hekk, it-Task Force għandha l-għan li tressaq diskussjonijiet dwar il-possibbiltà li l-fondi kkonfiskati, pereżempju, jintużaw biex jikkontribwixxu għar-rikostruzzjoni tal-Ukrajna.

⁴⁰ Hemm ukoll ammont ta' assi imblukkati tal-Bank Ċentrali Russu li jammontaw għal madwar EUR 23 biljun.

Illum, il-Kummissjoni qiegħda tadotta pakkett ta' **rkupru u konfiska tal-assi**⁴¹, li jqis it-tagħlimiet meħuda mill-implimentazzjoni tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni kontra individwi u entitajiet Russi u Belarussi. Dan se jiffaċilita l-implimentazzjoni effettiva tal-miżuri restrittivi tal-UE fl-Unjoni, billi jippermetti t-traċċar u l-identifikazzjoni rapidi ta' proprjetà li hija fil-pussess ta' persuni jew entitajiet soġġetti għal dawn il-miżuri, jew li hija kkontrollata minnhom. Il-qafas imsaħħaħ għall-irkupru u l-konfiska tal-assi se japplika wkoll għall-ksur ta' miżuri restrittivi, u għaldaqstant se jiżgura t-traċċar, l-iffriżar, il-ġestjoni u l-konfiska effettivi ta' rikavati derivati mill-ksur ta' miżuri restrittivi. Biex jiġi żgurat li l-assi tal-individwi u tal-entitajiet li jiksru l-miżuri restrittivi jkunu jistgħu fil-fatt jiġu kkonfiskati, il-Kummissjoni llum qiegħda tadotta wkoll proposti għal deċiżjoni tal-Kunsill biex iżżid il-ksur tas-sanzjonijiet mal-lista ta' reati tal-UE fl-Artikolu 83(1) tat-TFUE⁴², akkumpanjati minn Komunikazzjoni⁴³, bil-għan li tiġi proposta Direttiva biex tiġi approssimata d-definizzjoni ta' reati kriminali u ta' pieni għall-ksur ta' miżuri restrittivi.

B'mod aktar ġenerali, dan il-pakkett jimmarka stadju kruċjali fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. Dan isegwi l-impenni tal-Kummissjoni magħmula fl-Istrateġija dwar l-Unjoni tas-Sigurtà u fl-Istrateġija biex tiġi miġġielda l-Kriminalità Organizzata 2020-2025⁴⁴. Huwa jirrevedi d-Direttiva dwar il-Konfiska tal-2014, id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-2007 dwar l-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi (ARO), u d-Deċiżjoni Qafas tal-2005 dwar il-Konfiska ta' Rikavati, Mezzi Strumentali u Proprjetà Konnessi mal-Kriminalità, biex jissaħħu l-kapaċitajiet fit-traċċar, fl-identifikazzjoni, u finalment, fil-konfiska ta' qligħ illeċitu, u b'hekk jiġu indirizzati r-rati baxxi ħafna ta' konfiska fl-UE⁴⁵. Il-pakkett jespandi l-kamp ta' applikazzjoni tar-reati kriminali koperti, u jestendi r-regoli dwar il-konfiska f'każijiet meta kundanna kriminali għal reat speċifiku ma tkunx possibbli, iżda meta jkun ċar li l-assi jkunu ġejjin minn attivitajiet kriminali. Barra minn hekk, ir-reviżjoni ssaħħaħ il-ġestjoni effettiva tal-assi ffriżati u kkonfiskati, u ssaħħaħ il-kapaċità tal-AROs li jitraċċaw u jidentifikaw l-assi illeċiti. Il-qafas il-ġdid tal-UE għall-irkupru tal-assi huwa mfassal biex jindirizza l-*modus operandi* kumpless tal-organizzazzjonijiet kriminali, li sikwit joperaw bejn il-fruntieri u jużaw metodi differenti biex jaħbu l-assi tagħhom, inkluż permezz ta' kriptoassi.

Rispons ġudizzjarju koordinat

Għaddejja wkoll ħidma fil-livell tal-UE biex jiġi żgurat rispons ġudizzjarju koordinat għar-**reati internazzjonali** li allegatament twettqu fl-Ukrajna, sabiex dawk li wettquhom ikunu jistgħu jinżammu responsabbli.

Ġiet stabbilita Skwadra ta' Investigazzjoni Konġunta (SIK) minn żewġ Stati Membri u mill-Ukrajna biex tinvestiga r-reati tal-gwerra, ir-reati kontra l-umanità u reati internazzjonali oħrajn li allegatament twettqu fit-territorju tal-Ukrajna. L-Eurojust tagħti appoġġ legali, analitiku, finanzjarju u loġistiku lil din is-SIK. Fil-25 ta' April 2022, l-Uffiċċju tal-Prosekutur tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (OTP-ICC) issieħeb fis-SIK bħala parteċipant⁴⁶, u huwa mistenni li ma jdumux ma jissieħbu parteċipanti addizzjonali.

⁴¹ COM(2022) 245.

⁴² COM(2022) 247.

⁴³ COM(2022) 249.

⁴⁴ COM(2021) 170.

⁴⁵ Skont l-istimi tal-Europol, 2 % biss tal-assi kriminali huma ffriżati (EUR 2,4 biljun) u 1 % ġew ikkonfiskati (EUR 1,2 biljun), filwaqt li d-dħul minn attivitajiet kriminali fis-swieq kriminali ewlenin fl-UE ammonta għal EUR 139 biljun fl-2019 (1 % tal-PDG tal-UE).

⁴⁶ <https://www.eurojust.europa.eu/eurojust-and-the-war-in-ukraine>

Fil-25 ta' April 2022, il-Kummissjoni ppreżentat proposta biex jiġi emendat ir-Regolament tal-Eurojust⁴⁷ sabiex l-Eurojust tippreserva, tanalizza u taħżen evidenza rigward reati internazzjonali ewlenin. L-Eurojust u l-Europol se jkomplu jaħdmu mill-qrib flimkien matul dan il-proċess. In-Network għall-Ġenoċidju jaqdi rwol kruċjali fil-koordinazzjoni tar-rispons għadidjarju. Is-Segretarjat tiegħu huwa ospitat mill-Eurojust, u dan ħejja Atlas ta' NGOs li bħalissa huma attivi fl-Ukrajna, u jappoġġa lill-prattikanti nazzjonali mill-Istati Membri u mill-Ukrajna li jitrattaw każijiet attivi relatati mal-gwerra.

F'April 2022, il-Kunsill kompla jirrevedi l-mandat tal-**Missjoni ta' Konsulenza tal-UE fl-Ukrajna**, u witta t-triq għall-appoġġ tal-Missjoni lill-awtoritajiet tal-Ukrajna lill-investigazzjoni u fil-prosekuzzjoni ta' kwalunkwe reat internazzjonali mwettaq fil-kuntest tal-aggressjoni militari tar-Russja. Il-Missjoni se tipprovdi lill-awtoritajiet tal-Ukrajna b'pariri strateġiċi rigward l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati internazzjonali, l-emendi meħtieġa għal-leġislazzjoni tal-Ukrajna, l-istrateġija ta' komunikazzjoni, kif ukoll taħriġ dwar kwistjonijiet relatati. Il-Missjoni hija parti minn għadd ta' inizjattivi ta' koordinazzjoni f'dan il-kuntest, u flimkien mad-Delegazzjoni tal-UE, hija parti mill-Grupp ta' Konsulenza bejn l-Istati Uniti u l-UE rigward Delitti Atroċi fl-Ukrajna.

VI. MANIPULAZZJONI TAL-INFORMAZZJONI U INTERFERENZA MINN BARRANIN

L-iżviluppi ġeopolitiċi attwali enfasizzaw ir-riskji ta' interferenza minn barranin. L-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna kienet akkumpanjata minn attivitajiet ta' **manipulazzjoni u interferenza** tal-informazzjoni. Intużaw allegazzjonijiet mingħajr bażi ta' "Nażiżmu" u ta' "ġenoċidju" kontra l-gvern tal-Ukrajna, operazzjonijiet taħt bandiera falza, u akkużi mingħajr bażi kontra n-NATO u l-Punent, biex jiġu ġġustifikati attacki brutali kontra l-Ukrajna, filwaqt li ġewwa r-Russja nħonqu d-diskors liberu u r-rapportar indipendenti. Hemm riskju kontinwat minn materjal awdjoviżiv manipulat u diżinformazzjoni li r-Russja tista' tipprova tuża bħala skuża għal attacki militari addizzjonali, biex iddghajef id-determinazzjoni tar-reżistenza tal-Ukrajna, biex taqşam il-komunità internazzjonali fl-oppożizzjoni tagħha kontra l-gwerra, jew biex tiżra' dubji dwar il-ksur tad-dritt internazzjonali mir-Russja. L-UE impenjat ruħha fil-Boxxla Strateġika li tagħti tweġiba b'saħħha għall-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin u saħħha ir-reżiljenza u l-kapaċità tagħha li tiġġieled kontra dan it-theddid.⁴⁸ Il-manipulazzjoni tad-dibattitu demokratiku fl-UE hija s-suġġett tal-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea, il-pjan ikkoordinat tal-Kummissjoni biex tindirizza d-diżinformazzjoni u saħħha ir-reżiljenza demokratika⁴⁹.

Vigilanza u koordinazzjoni

Permezz ta' azzjoni deċiżiva u koordinata, l-Unjoni Ewropea wieġbet għall-kampanja ta' diżinformazzjoni tar-Russja fil-kuntest tal-aggressjoni militari kontra l-Ukrajna. L-UE ħadmet mill-qrib mal-Istati Membri tagħha permezz tas-Sistema ta' Twissija Rapida, u ma' sħab internazzjonali bħan-NATO, l-Istati Uniti, il-Kanada u l-Mekkaniżmu ta' Rispons Rapidu tal-G7, biex tikkondividi l-għarfien dwar ix-xejriet u t-tattiċi ta' manipulazzjoni użati mill-Kremlin. Ġiet intensifikata l-ħidma biex jiddgħajfu l-azzjonijiet manipulattivi tal-Kremlin, b'mod partikolari permezz tas-sit web EUvsDisinfo, li huwa disponibbli bl-Ingliż, bir-Russu, bl-Ukren u b'lingwi oħra, biex jipprovdi informazzjoni fattwali fl-UE, fl-Ukrajna u fir-reġjun, kif ukoll fir-Russja. Mit-2 ta' Marzu 'l quddiem ġew sospiżi l-istazzjonijiet tal-media tal-Istat Russu, RT u Sputnik fl-UE kif ukoll dawk li kienu diretti lejn l-UE, bħala

⁴⁷ COM(2022) 187 final.

⁴⁸ <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-7371-2022-INIT/mt/pdf>

⁴⁹ COM(2020) 790.

konsegwenza tal-miżuri restrittivi adottati mill-UE. Il-pjattaformi online, in-networks soċjali ewlenin, dawk li joħlqu r-reklami, u l-firmatarji tal-industrija tar-reklamar tal-Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni⁵⁰ qegħdin jieħdu azzjoni urġenti biex jillimitaw id-diżinformazzjoni relatata mal-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-Kummissjoni u s-SEAE qegħdin jimmonitorjaw dawn l-isforzi. L-informazzjoni pprovduta turi li l-pjattaformi saħħew l-għodod ta' monitoraġġ u ta' intervent tagħhom relatati mal-gwerra.

Barra minn hekk, qed jittieħdu azzjonijiet rapidi biex jiġu appoġġati pajjiżi fl-Asja Ċentrali u fil-Balkani tal-Punent, biex isaħħu r-reżiljenza tal-informazzjoni u jiġġieldu kontra l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u d-diżinformazzjoni minn barranin.

Tħejjija

L-użu evidenti ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin (FIMI), inkluż id-diżinformazzjoni bħala waħda mill-għodod ta' theddid ibridu, kompli jkabbar l-urġenza għas-segwitu tal-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea. Matul dawn l-aħħar xhur, l-istituzzjonijiet tal-UE appoġġaw lill-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-FIMI, speċjalment fil-qafas tas-Sistema ta' Twissija Rapida, billi kkondividew l-għarfien dwar it-tattiċi użati mill-atturi tal-FIMI u dwar l-istrateġiji ta' rispons. Għadhom għaddejjin diskussjonijiet biex ikompli jissaħħaħ ir-rispons globali tal-UE għall-FIMI, abbażi ta' nota kunċettwali ppreżentata mis-SEAE rigward l-iżvilupp ta' **Sett ta' Għodod** iddedikat biex tiġi indirizzata din it-theddida. Dan il-qafas ta' l-miżuri interni eżistenti u l-għodod il-ġodda tal-UE taħt il-politika barranija u ta' sigurtà komuni. Dan se jibbenefika wkoll mill-azzjoni intensifikata tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna Stratcom⁵¹, kif ukoll tal-Kummissjoni.

L-Osservatorju Ewropew tal-Media Diġitali ("EDMO") stabbilixxa task force dwar id-diżinformazzjoni wara t-tifqigħa tal-gwerra fl-Ukrajna, u jikkoordina l-azzjonijiet tal-verifikaturi tal-fatti u tar-riċerkaturi fin-network tiegħu. Huwa analizza kif dawk li kienu jxerrdu teoriji mingħajr bażi rigward il-COVID-19 issa malajr bdew ixerrdu informazzjoni qarrieqa li tiffavorixxi lir-Russja, tendenza li ġiet osservata f'għadd ta' Stati Membri⁵².

Il-proposta tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali għandha l-għan li tadatta għat-teknoloġiji diġitali li qed jevolvu malajr u tesplora l-implikazzjonijiet ta' dan għall-isfidi teknoloġiċi u demokratiċi, bħad-diskors ta' mibegħda, id-diżinformazzjoni online, u l-istrateġiji ta' destabilizzazzjoni. Il-progress sinifikanti fin-negozjati tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għandu jippermetti adożzjoni rapida tal-pakkett.

VII. THEJJJA AKTAR B'SAĦĦITHA

Fi żmien meta l-gwerra reġġet irritornat fl-Ewropa, kif ukoll fi żmien ta' bidliet ġeopolitiċi kbar, il-koordinazzjoni tas-sigurtà fl-UE bdiet tissaħħaħ permezz ta' inizjattivi li diġà kienu qed jittejjew qabel il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Inizjattivi li jħarsu primarjament lejn is-sigurtà esterna tal-UE għandhom implikazzjonijiet qawwija għall-aġenda interna tal-Unjoni tas-Sigurtà.

⁵⁰ <https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/policies/code-practice-disinformation>

⁵¹ Id-Diviżjoni tal-Komunikazzjoni Strateġika, it-Task Forces u l-Analiżi tal-Informazzjoni tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna tipprovdi appoġġ ta' komunikazzjoni strateġiku fl-implimentazzjoni tal-politika barranija u ta' sigurtà tal-UE f'reġjuni prijoritarji relatati (il-Viċinat tan-Nofsinhar u tal-Lvant, il-Balkani tal-Punent) billi tiżviluppa u timplimenta azzjonijiet ta' komunikazzjoni strateġiċi speċifiċi b'enfasi fuq l-avvanz tal-politiki, il-valuri, l-oġġettivi u l-interessi tal-UE.

⁵² <https://edmo.eu/2022/03/30/how-covid-19-conspiracy-theorists-pivoted-to-pro-russian-hoaxes/>

Fil-15 ta' Frar 2022, il-Kummissjoni ppreżentat il-**pakkett tad-Difiża**⁵³, li fih għadd ta' inizjattivi f'oqsma kritiċi għad-difiża u s-sigurtà fl-UE. Din il-kontribuzzjoni tal-Kummissjoni għad-difiża u s-sigurtà Ewropea tkopri l-isfidi kollha. Hija tipproponi passi konkreti lejn suq Ewropew tad-difiża aktar integrat u kompetittiv, b'mod partikolari billi tissaħħaħ il-kooperazzjoni fi ħdan l-UE u jinbnew ekonomiji ta' skala. Dan jinvolvi wkoll pjan direzzjonali dwar it-teknoloġiji kritiċi għas-sigurtà u d-difiża biex tingħata spinta lir-riċerka, lill-iżvilupp teknoloġiku u lill-innovazzjoni f'dawn is-setturi u jitnaqqsu d-dipendenzi fit-teknoloġiji kritiċi u fil-ktajjen tal-valur. Barra minn hekk, il-pakkett għandu l-għan li jsaħħaħ id-dimensjoni tad-difiża tal-ispazju fil-livell tal-UE. Huwa jqis ukoll kif il-Kummissjoni tista' żżid mal-azzjonijiet tagħha kontra t-theddid ibridu, inkluż fil-qasam ċibernetiku, ittejjeb il-mobbiltà militari fl-Ewropa u lil hinn minnha, u tkompli tindirizza l-isfidi tat-tibdil fil-klima relatati mad-difiża. Biex tikkomplementa din il-ħidma, il-Komunikazzjoni Konġunta **"Defence Investment Gaps Analysis and way forward"**⁵⁴ tat-18 ta' Mejju tqis il-lakuni fil-kapaċità u fl-industrija li jeħtieġu li jiġu indirizzati, bil-ħsieb li jiġu appoġġati l-aktar Stati Membri tal-UE esposti u jiġu identifikati miżuri biex jittaffu n-nuqqasijiet identifikati.

Ir-reżiljenza tal-UE għal dan it-theddid timplika wkoll approċċi xprunati mill-kapaċità fis-setturi tas-sigurtà, kif irrakkomandat fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni għas-sinerġiji bejn l-industriji ċivili, tad-difiża, u spazjali⁵⁵. Għaddejja ħidma biex jiġu promossi approċċi xprunati mill-kapaċità fil-qasam tas-sigurtà interna u l-infurzar tal-liġi.

Fil-21 ta' Marzu 2022, il-Kunsill adotta l-**Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża**⁵⁶, approvata f'it wara mill-Kunsill Ewropew. Il-Boxxla tiddekrivi pjan ta' azzjoni ambizzjuż għat-tisħiħ tal-politika tas-sigurtà u d-difiża tal-UE sal-2030. L-oġġettiv huwa li l-UE tipprovdi s-sigurtà b'aktar saħħa u kapaċità, filwaqt li tipproteġi liċ-ċittadini tagħha u tikkontribwixxi għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali. Fiha proposti konkreti, bi skeda ta' żmien preċiżu ħafna għall-implimentazzjoni, biex issaħħaħ il-kapaċità tal-UE li taġixxi b'mod deċiżiv fil-kriżijiet.

Wieħed mir-riżultati tanġibbli tal-Boxxla Strateġika huwa l-iżvilupp ta' **sett ta' għodod ibridi tal-UE** li għandu jipprovdi qafas għal rispons koordinat għal kampanji ibridi li jaffettwaw lill-UE u lill-Istati Membri tagħha, inkluż miżuri interni u esterni. Wara l-identifikazzjoni tal-linji bażi tar-reżiljenza settorjali mwettqa fil-bidu tal-2022⁵⁷, se ssir analiżi tal-lakuni u tal-ħtiġijiet. Huwa f'dan il-qafas li l-UE se tkompli ssaħħaħ it-tħejjija, ir-reżiljenza u r-rispons tagħha għat-theddid li jirriżulta mill-aggressjoni tar-Russja u kwalunkwe tentattiv ieħor biex jiġu destabilizzati d-demokraziji u l-ordni multilaterali bbażat fuq ir-regoli.

⁵³ https://ec.europa.eu/info/strategy/priorities-2019-2024/europe-fit-digital-age/contributing-european-defence_mt

⁵⁴ JOIN(2022) 24.

⁵⁵ COM(2021) 70.

⁵⁶ Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża - Għal Unjoni Ewropea li tipproteġi liċ-ċittadini, il-valuri u l-interessi tagħha u tikkontribwixxi għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali:
<https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-7371-2022-INIT/mt/pdf>

⁵⁷ SWD(2022) 21 final.

VIII. HARSJA 'L QUDDIEM

Fil-futur jeħtieġ li l-UE tibqa' vigilantanti ħafna għat-theddid li qiegħed jevolvi, u ssaħħaħ **it-tħejjija u r-reżiljenza tagħha għal kulma jista' jseħħ**. Ir-riperkussjonijiet tal-gwerra jistgħu jieħdu forom differenti, u sa issa mhux kollha jistgħu jiġu vvalutati.

Il-firxa tal-ispustament tan-networks kriminali tal-Ukrajna għadha ma hijiex magħrufa. Il-każijiet tal-Eurojust tal-passat jindikaw xejra tat-traffikar tal-eroina mill-Afganistan lejn l-UE permezz tal-Ukrajna, kif ivverifikat miċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA)⁵⁸. L-instabbiltà tista' tagħmilha aktar diffiċli li tittieħed azzjoni kontra l-kummerċ tal-eroina b'din ir-rotta, u b'hekk jinholq ir-riskju ta' żieda possibbli fil-fluss tad-drogi lejn l-UE.

Hemm probabbiltà ogħla li ċerti riskji għall-UE jkomplu jikbru lejn tmiem jew matul il-perjodi ta' waqfien mill-ġlied. Se tingħata attenzjoni partikolari għaċ-ċirkolazzjoni tal-armi tan-nar peress li dan ir-riskju jżdid meta l-ġlied fl-Ukrajna jbatti. L-esperjenza tal-passat tindika wkoll ir-riskju li r-ritorn ta' ġellieda barranin, li jkunu kisbu esperjenza fil-ġlied u li setgħu ġew f'kuntatt ma' gruppi estremisti, jista' jwassal għal azzjoni terroristika fl-UE aktar 'il quddiem. Dan il-fenomeno potenzjali għandu jiġi mmonitorjat bir-reqqa, u l-Kummissjoni diġà qiegħda tiffaċilita d-diskussjonijiet fost l-Istati Membri rigward l-isfidi li jinħolqu bir-ritorn ta' voluntiera barranin bi sfond extremist vjolenti.

Fid-dawl ta' dan it-theddid potenzjali, huwa importanti li titkompla l-implimentazzjoni tal-Istrateġija dwar l-Unjoni tas-Sigurtà, inkluż bl-implimentazzjoni ta' strateġiji ewlenin bħall-Istrateġija tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà, l-Istrateġija biex tiġi miġġielda l-Kriminalità Organizzata (2020-2025), l-Aġenda kontra t-Terroriżmu għall-UE (2020-2025), il-pjan ta' azzjoni tal-UE dwar it-traffikar tal-armi tan-nar (2020-2025), l-Istrateġija tal-UE dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin (2021-2025), u l-istrateġija tal-UE dwar id-Drogi (2021-2025).

Se jitkomplew l-isforzi biex l-UE tiġi pprovduta bil-qafas leġislattiv meħtieġ. Pereżempju, il-Kummissjoni qiegħda tħejji l-valutazzjoni tal-impatt għal proposta li tirregola l-kummerċjalizzazzjoni u l-użu ta' sustanzi kimiċi b'riskju għoli.

IX. KONKLUŻJONI

L-Unjoni tas-Sigurtà tkompli taqdi r-rwol tagħha li tħejji lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jindirizzaw it-theddid eżistenti u potenzjali. Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna wriet kemm it-theddid teoretiku malajr jista' jsir reali, u tenfasizza l-importanza tal-viġilanza, il-koordinazzjoni u t-tħejjija.

Dan ir-raba' rapport ta' progress dwar l-Istrateġija dwar l-Unjoni tas-Sigurtà juri li l-UE tista' tadatta, anki fid-dawl ta' theddid eċċeżżjonali u mhux mistenni bħall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. L-implimentazzjoni ddeterminata tal-Istrateġija dwar l-Unjoni tas-Sigurtà hija aktar importanti minn qatt qabel.

⁵⁸ Report on the drug and alcoholic situation in Ukraine for 2020 (according to 2019 data), OEDT, Stopping the trafficking of a heroin substitute in France, Poland and Ukraine, including the planning and execution of a controlled delivery, 2021/00446, Eurojust, Mejju 2020.